**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Sean Scicluna**

**Vs**

**Clyde Cassar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Clyde Cassar ta' 38 sena bin Arthur u Carmen nee' Wells imwieled gewwa Attard nhar il-25 ta' Lulju 1977, u residenti gewwa 13, Triq Maitland, Hamrun; Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 507677M;

Talli fis-sena 2014, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1) Billi wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li hu kien kapaci jaghmel xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemija fl-artikoli precedenti ta' l-artikolu 121A u cioe fis-sub-titolu IV fuq l-abbuz tal-awtorita' pubblika tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' xi persuna ohra, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

2) U aktar talli, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew wieghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi nfluwenza

mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu 121A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) U aktar talli, billi b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t’ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t’intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, t’aktar minn hames mitt wueo (€500) izda mhux aktar minn hmest elef euro (€5,000) ghad-dannu ta’ diversi persuni, u’jew Global Security Services Ltd., u/jew Video-Gram Television Rentals;

4) U aktar talli, bi hsara ghal haddiehor, ghamel xi qligh iehor t’aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000) b’qerq ghad-dannu ta’ diversi persuni, u/jew Global Security Services Ltd., u/jew Video-Gram Television Rentals;

5) U aktar talli, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta’ aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux iktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu ta’ diversi persuni, u/jew Global Security Services Ltd., u/jew Video-Gram Television Rentals., liema somma giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinjata lilu minhabba l-professjoni, ndustrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servicc tieghek, jew minhabba depozitu necessarju;

6) Kif ukoll akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., moghtija fis-17 ta’ Gunju 2010, sentenza li saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

7) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra t’esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll li tapplika l-Artikolu 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet;

Rat is-Social Enquiry Report tal-ufficjal tal-probation Donnalise Livori datat 20 ta' Ottubru, 2016;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-imputat ghandu jinstab hati ta' dawn l-akkuzi. Jirrisulta li l-imputat ghamel xi zmien impjegat ta' Global Security Services ltd, u f'dan iz-zmien kien qabad ifittex persuni u jwebbilhom li seta' isibilhom xoghol u jirrangalhom biex jiksbu licenzja ta' security guard. Ghalhekk beda jsib diversi persuni u jehodilhom bejn sittin u tmenin Ewro kull wiehed, bil-weghda li jgibilhom din il-licenzja. Ghal dan il-ghan hu kien ighid li dan ix-xoghol kien qed jaghmlu ghan-nom ta' Global Security, minghajr, izda, ma kellu ebda awtorizzazzjoni jew permess jaghmel dan. Di fatti quddiem din il-Qorti xehdu diversi persuni li gew hekk frodati minnu, bis-sahha ta' dawn il-weghdiet. L-imputat ghazel li ma jixhedx, ghalhekk il-provi kollha li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni, apparti li huma univoci u konvincenti, bl-ebda mod ma gew kontradetti.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti rat bir-reqqa ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation. Fil-fehma tal-Qorti, l-ahjar triq hija dik fejn jista' jsir xi forma ta' risarciment lill-persuni li gew defrawdati, u dan jista' jsir biss jekk ikun hemm xi tip ta' sorveljanza fuq l-istess imputat. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' probation flimkien ma' ordni ta' trattament, bil-ghan li jaghmel tajjeb ghall-hsara li hu wettaq lil dawk il-persuni kollha, u lis-socjeta' in generali.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 121A(1), (2), (3), 294, 308, 309, 310(1)(b) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**